MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 72/2011

**Edwidge Testa**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edwidge Testa (204330M) datat 19 ta' Dicembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn esponiet: -

1. Fit-3 ta' Frar 2011, l-intimata Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar harget kontra l-esponenti Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq dwar xoghlijiet f'hitan li jdawru porzjoni art mhux zviluppata proprjeta' taghha. Din il-porzjoni art tinsab f' H'Attard, bejn Triq Birkirkara u Triq il-Konti R. Barbaro. Ir-raguni moghtija fl-Avviz hija li dawn il-hitan inbnew godda, minghajr permess, u minghajr ma giet osservata il-linja ufficjali tat-triq. Fuq din l-art tal-esponenti hemm

progettata triq, li giet pjanata fuq talba ta’ terz privat, u li l-Kummissarju tal-Art diga’ ddecieda li mhix mehtiega fl-interess pubbliku.

2. L-esponenti appellat minn dan l-avviz quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta-Ambjent u l-Ippjanar u talbet li l-istess Tribunal (a) jiffissa terminu perentorju sabiex l-Awtorita’ intimata tinvestiga l-htiega tax-xoghlijiet li saru u tiehu l-passi ohra opportuni sabiex l-istess hajt jigi ripristinat ghall-istat originali tieghu; u (b) fin-nuqqas, tigi awtorizzata tispicca x-xoghlijiet ta’ tiswija tal-partijiet imgarrfa mill-hajt imsemmi.

L-esponenti argumentat li hija ghamlet biss xoghol ta’ tiswija f’dawn il-hitan, li sfaw abbuzivament imgarrfa fl-ahhar snin mil-lanjanti Alan Christopher Bonnici u Karl Mallia. Kemm Bonnici u anke Mallia huma sidien ta’ proprjetajiet adjacenti, u garrfu partijiet mill-hitan originali li kienu jdawwru din l-art sabiex il-proprjetajiet rispettivi taghhom ikollhom access ahjar minn Triq il-Konti R Barbaro ghal Triq Birkirkara. Triq il-Konti R Barbaro hija triq sekondarja, f’forma cirkolari, li minn hdejn il-fond ta’ Mallia tiehu ghal Triq Birkirkara stess. L-art tal-esponenti tifred il-fond ta’ Mallia minn access dirett ghal Triq Birkirkara, u l-fond ta’ Bonnici minn access dirett ghal Triq il-Konti R Barbaro. Dawn ix-xoghlijiet ta’ tiswija ma jehtiegux permess skont ir-Regolament 3 u l-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 115/2007 (Legislazzjoni Sussidjarja 504.80).

3. B’decizjoni tad-29 ta’ Novembru 2011, it-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar cahad dan l-appell tal-esponenti, u kkonferma l-Avviz ta’ Waqfien u Twettiq tat-3 ta’ Frar 2011, ECF 41/11.

Il-motivazzjonijiet legali u fattwali u l-parti dispozittiva jinsabu fis-sitt u s-seba’ paragrafu tar-raba’ pagna tad-decizjoni appellata. Hawn it-Tribunal jghid biss li x-xoghlijiet ezegwiti ma kinux semplicement xoghlijiet ta’ manutenzjoni tal-hitan ezistenti, minghajr pero’ ma jispjega r-ragunijiet li wassluh ghal din il-konkluzjoni, u b’mod partikolari ghalfejn qies jekk kinux xoghlijiet ta’

manutenzjoni, u ma ezaminax jekk kinux xoghlijiet ta' tiswija kif sostniet l-esponenti. B'hekk, l-esponenti sal-lum ghad ma ghandha ebda hjiel ta' x'ikkunsidra t-Tribunal biex wasal ghal din il-konkluzjoni tieghu.

It-Tribunal korrettement irrikonoxxa li din l-art hija privata tal-esponenti, minkejja li fuqha ghadha tidher *schemed road*. Wara dan, it-Tribunal qabad u ddecieda li, minhabba f'hekk, l-art privata tal-esponenti ma tistax tinghalaq bil-hitan. Anke hawn, din id-decizjoni mhix motivata legalment, u l-esponenti ma tafx ghab-bazi ta' liema ligi t-Tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni, ladarba rrikonoxxa li l-art in kwistjoni ghadha proprjeta' esklussiva tal-esponenti u l-Gvern diga' ddecieda li t-triq li hemm progettata mhix mehtiega fl-interess pubbliku.

Evidentement, it-Tribunal gharaf li dan l-istat ta' fatt [jista'] jippregudika d-drittijiet, anke dawk fundamentali tal-esponenti. Dan johrog car mir-rakkomandazzjoni li ta t-Tribunal fl-ahhar parti tad-decizjoni li, meta tigi progettata triq, ghandhom jigu konkluzi l-proceduri ta' esproprjazzjoni f'terminu specifiku, u jithallas il-kumpens, inkella tithassar b'mod permanenti t-triq progettata. Din ir-rakkomandazzjoni pero' mhijiex enforzabbli.

4. L-esponenti hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni fl-ismijiet premessi moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta' Novembru 2011, u qieghda tinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti.

L-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(a) it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni tieghu li jikkonferma l-Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettiq minghajr ma mmotiva bizzejjed id-decizjoni tieghu fuq l-aspetti legali mqajma;

(b) f'kull kaz, it-Tribunal ta interpretazzjoni zbaljata tar-**regolament 3 u l-paragrafu (1) (ii) tat-Tieni Klassi tal-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 115/2007;**

(c) Ic-cirkostanzi f’dan il-kaz jistghu jwasslu ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, billi effettivament qed tigi mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta’ taghha, mhux ghal ragunijiet permissibbli bil-ligi, u minghajr kumpens xieraq. L-esponenti ma nghatatx rimedju xieraq u effettiv ghal dan mit-Tribunal, u jekk dik l-interpretazzjoni tigi konfermata, ikun ifisser li l-ligi ordinarja qed iccahhad lill-esponenti mid-drittijiet fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta’, rimedju effettiv u smigh xieraq.

**Nuqqas ta’ Motivazzjoni**

5. Sfortunatament, fid-decizjoni appellata, it-Tribunal ghazel li jillimita ruhu ghar-riproduzzjoni *verbatim* tas-sottomissjonijiet tal-esponenti. Irrefera wkoll ghad-dokumenti li pprezentat l-Awtorita’ fl-ahhar stadju, li juru li fuq din l-art tal-esponenti ghad hemm tidher progettata triq, u li l-hitan in kwistjoni mhumiex mibnija fuq il-linji ta’ din it-triq progettata.

Mill-bqija, fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ghamel riferenza ghall-**artikolu 86 (12) tal-Kap. 504**, li jelenka c-cirkostanzi li fihom jista’ jilqa’ appell intavolat quddiemu, fosthom il-kaz li l-izvilupp kontestat ma jkunx jirrikjedi permess, minghajr pero’ ma analizza l-argumenti tal-esponenti, u t-twegibiet tal-Awtorita’ appellata f’dan ir-rigward.

6. Il-kontestazzjoni tal-esponenti ghar-rigward l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq hija essenzjalment impernjata fuq ir-**regolament 3, u l-paragrafu (1) (iv) tat-Tieni Klassi fl-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 115/2007 (Legislazzjoni Sussidjarja 504.80),** u sussidjarjament anke fuq il-**paragrafu (1)(ii) tal-istess Klassi u Skeda.**

Sfortunatament, it-Tribunal ma jidhirx li ra dawn id-disposizzjonijiet, u wisq anqas interpretahom jew applikahom fil-kaz partikolari. Zgur li mid-decizjoni nnifisha ma jirrizulta li saret ebda kunsiderazzjoni ta’ dawn id-disposizzjonijiet, u t-Tribunal lanqas ta motivazzjoni ta’ ligi jew ta’ fatt ghall-konkluzjoni tieghu li x-xoghlijiet in

kwistjoni *"ma kienx semplicement xoghol ta' manutenzjoni ta' hsara f'hitan ezistenti"* (pg. 4 tad-decizjoni appellata).

7. Minghajr pregudizzju ghall-kontestazzjoni tal-esponenti dwar in-natura tax-xoghlijiet li wettqet, it-Tribunal naqas ukoll li jimmotiva fid-dritt id-decizjoni tieghu li art privata, li ghadha fil-pussess esklussiv ta' sidha, ma tistax tinghalaq bil-hitan, fit-termini tal-Kodici Civili, jekk fuq pjanti pubblici ghad hemm jidher il-pjan li fuqha ssir triq. It-Tribunal ghamel tieghu s-sottomissjoni tal-Awtorita' appellata fir-rigward, minghajr ebda riferenza ghal-ligi. Dan minkejja li l-istess Tribunal gharaf li din id-decizjoni tippregudika d-drittijiet tal-esponenti, tant li ghamel tieghu ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorita' li l-Istat ghandu jiddeciedi jekk it-triq progettata hijiex mehtiega fl-interess pubbliku [decizjoni li f'dan il-kaz l-Istat diga' ha sitt snin ilu], f'liema kaz ghandu jipprocedi ghall-espropriazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut, inkella jghaddi biex ihassarha (ara pg. 4 tad-decizjoni appellata).

8. Kif ga inghad f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in-nuqqas tat-Tribunal li fil-korp tad-decizjoni tieghu juri li jkun tratta s-sottomissjonijiet ta' parti jew ta' ohra, billi fost ohrajn jelenka car il-kunsiderazzjonijiet ta' ligi jew ta' fatt, u l-motivazzjoni tieghu, jammontaw ghal ksur tal-*'principju ta' smigh xieraq u dak ta' cerimus paribus'* (ara **Michael Attard noe vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, Appell Inferjuri, 30.11.2011 u sentenzi hemm citati). F'dak il-kaz ukoll, it-Tribunal ikkwota b'mod estensiv is-sottomissjonijiet tal-parti, minghajr pero' ma ghamel ebda kunsiderazzjoni dwarhom, u lanqas spjega kif wasal ghad-decizjoni tieghu. Din il-Qorti korrettement sahqet li *'dan juri bl-iktar mod car li l-Bord lanqas biss minimament ma kkonsidra l-aggravji tas-socjeta' appellanti fil-mertu, u certament dan jammonta ghan-nuqqas serju da parte tal-Bord, ghaliex huwa obbligu tal-Bord, u kull gudikant, li jikkonsidra l-punti sollevati quddiemu, u jiddecidiehom, billi jiddelibera dwar l-istess b'motivazzjoni adegwata'* (ara pg. 12 tas-sentenza **Attard noe vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, ibid., sottolinear tal-esponenti).

**Tiswija'**

9. Fil-mertu, il-fatti f'dan il-kaz huma semplici.

L-esponenti, illum flimkien ma' uliedha, hija proprjetarja ta' bicca art mhux zviluppata f'H'Attard, li tigi bejn Triq Birkirkara u Triq il-Konti R. Barbaro. Ghall-habta tal-1990, terz privat kien talab lill-Kummissarju tal-Art biex jakkwista ghall-beneficcju tal-istess terz parti sostanzjali minn din l-art sabiex art retropposta proprjeta' tieghu ikollha access dirett ghal Triq Birkirkara. Dak iz-zmien Triq il-Konti R. Barbaro kienet ghadha mhix iffurmata kif inhi llum, u ghalhekk il-proprjetajiet ta' dan it-terz ma kellhomx access ghal Triq Birkirkara. Il-Gvern kien laqa' din it-talba u ppjana li parti sostanzjali mill-art tal-esponenti tigi espoprjata biex minn fuqha tghaddi triq li tkun tizbokka fi Triq Birkirkara min-naha, u fi Triq il-Konti R. Barbaro min-naha 'l ohra.

L-art tal-esponenti giet fil-fatt esproprjata b'dikjarazzjoni tal-President, li kienet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Gunju 1992.

Ghal snin twal, il-Gvern baqa' ma ghamel xejn b'din l-art, u t-triq progettata baqghet ma saritx. Fil-frattemp, tlestiet Triq il-Konti R. Barbaro sal-konfini ta' din l-art, u t-terz li originarjament kien talab l-esproprjazzjoni, lahaq biegh il-proprjetajiet kollha li kellu.

F'Novembru 2004, l-esponenti kienet mgharrfa mid-Direttur Generali (Taqsima tax-Xoghlijiet) fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura, li l-proceduri tal-esproprjazzjoni kienu ser jitwaqqfu billi l-proprjetajiet li qabel ma kellhomx access ghal Triq Birkirkara issa setghu jaccedu fiha minn band'ohra [Triq il-Konti R. Barbaro], u b'hekk l-iskop li ghalih l-art taghha kienet originarjament ittiehdet ma kienx ser jitwettaq.

Din l-art fil-fatt giet rilaxxjata favur l-esponenti b'dikjarazzjoni tal-President tat-13 ta' Mejju 2005.

10. Il-lanjanti Alan Christopher Bonnici u Karl Mallia huma sidien ta’ proprjetajiet li jmissu ma’ din l-art, u jidhrilhom li t-triq li tidher progettata fuqha ghandha ssir, minkejja li l-Istat diga’ ddecieda li mhix mehtiega fl-interess pubbliku.

11. Kemm qabel giet esproprjata, u anke wara, din l-art kienet maghluqa bil-hitan, kemm fejn din tmiss ma’ Triq Birkirkara, u anke fejn tmiss ma’ Triq il-Konti R. Barbaro. Fuq in-naha ta’ Triq il-Konti R. Barbaro l-hajt kien shih (illum ghad hemm parti minnu nieqsa), filwaqt li fuq in-naha ta’ Triq Birkirkara kien u ghad fih fetha wiesa’ bizzejjed biex Bonnici jaccedi b’kumdita’ ghall-proprjeta’ tieghu minn Triq Birkirkara.

12. Fil-kors tax-xoghol ta’ zvilupp li ghamlu Bonnici u Mallia fil-proprjetajiet rispettivi, partikolarment Mallia wara l-2005, iggarrfu partijiet kbar minn dawn il-hitan, ghad-dannu tal-esponenti. Sabiex l-esponenti zzomm relazzjonijiet tajba ma’ dawn il-girien, kienet talbet lil Mallia bil-kelma t-tajba biex isewwi l-hsara li kien ghamel fil-hitan. Mallia accetta, pero’ ppretenda li l-ispejjez tat-tiswija tohroghom l-esponenti. Sa anke baghatilha stima. L-esponenti ma qablitx, ghax dehrilha li Mallia u Bonnici kellhom ihallsu minn buthom biex isewwu l-hsara li ghamlulha fil-hitan taghha, u wkoll biex inaddfu l-art in kwistjoni miz-zibel li lahqet imtliet bih fil-frattemp. Meta ghadda z-zmien, u baqghu ma ghamlu xejn, l-esponenti ddecidiet li tnaddaf l-art u ssewwi l-hitan minn butha.

13. Jidher li, kif raw il-hitan jissewwew u jigu ripristinati ghall-istat originali taghhom, Bonnici u Mallia dawwru l-hsieb, u uzaw lill-Awtorita’ appellata biex izommu lill-esponenti milli ssewwi l-hitan, u terga’ taghlaqhom kif kienu. L-intenzjoni taghhom hija li l-art tal-esponenti, minghajr ma huma jew haddiehor hallas ghaliha, tibqa’ sservihom ta’ triq li tghaqqad Triq Birkirkara ma’ Triq il-Konti R. Barbaro, halli l-proprjetajiet taghhom jiggwadanjaw access minn zewg toroq. Kien wara l-ilmenti taghhom li l-Awtorita’ appellata harget Avviz beix Tieqaf u ta’ Twettiq (numru ECF00571/10), li pero’ kien inhareg minn *enforcement officer* li ma kinetx awtorizzata,

u sussegwetement gie irtirat. Immedjatament wara, l-Awtorita’ appellata harget l-Avviz in kwistjoni.

14. Ir-**regolament 3(1) tal-Avviz Legali 115/2007**, kif sussegwentement emendat, jaghti hu stess, bis-sahha ta’ ligi, permess li jsir ix-xoghol elenkat fil-klassijiet differenti tal-Ewwel Skeda tal-istess legislazzjoni sussidjarja, minghajr il-htiega li min ikun irid jaghmel ix-xoghol japplika jew javza minn qabel lill-Awtorita’ intimata.

15. Qari akkurat tal-ewwel erba’ paragrafi tal-Klassi 2 tal-Ewwel Skeda ta’ dan l-Avviz Legali juri li, b’dawn id-disposizzjonijiet, il-legislatur ried jawtorizza minn qabel, u b’mod generali, ix-xoghol ta’ bini gdid, jew mill-gdid, u anke t-tiswijiet, ta’ hitan li jimmarkaw il-konfini ta’ proprjeta’ privata minn proprjeta’ ohra, jew minn toroq pubblici ga mibnija u miftuha ghat-traffiku. Bl-istess hsieb, u fl-istess zmien li dahal fis-sehh dan l-Avviz Legali, l-Awtorita’ appellata bdiet tiehu passi biex artijiet mhux zviluppati jinghalqu b’mod permanenti, b’hitan tal-gebel, sabiex jigu segregati mill-ambjenti pubblici tat-toroq, u b’hekk jigi evitat ukoll l-abbuz, inkluz ir-rimi fihom tal-iskart.

16. Dawn ix-xoghlijiet awtorizzati minn qabel bis-sahha tal-Avviz Legali msemmi jinkludu *’tiswija ta’ hitan ezistenti’*. It-terminu *’tiswija’* mhux definit f’din il-ligi, u lanqas fil-ligi principali, u ghalhekk ghandu jinghata t-tifsira ordinarja tal-kelma. B’din id-disposizzjoni, il-ligi qed tippermetti *ex ante* li jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex jigu rimedjati hsarat jew nuqqasijiet ohra li jkunu zviluppaw, biz-zmien, b’accident, jew anke volontarjament, f’hajt diga’ mibni. L-unika limitazzjoni li jimponi l-Avviz Legali fuq dawn it-tiswijiet hija *’dawn ix-xoghlijiet ma jikkagunawx bdil fl-gholi jew karattru tal-hajt ezistenti’* (ara pg. 19 tal-L.S.504.80).

17. L-esponenti ma tafx x’fehem b’ *’tiswija’* t-Tribunal, u x’interpretazzjoni ta lil din id-disposizzjoni. Lanqas taf jekk bl-uzu tal-kelma *’manutenzjoni’* (ara pg. 4 tad-decizjoni appellata) kienx qed jirreferi ghal din il-kategorija ta’ xoghlijiet, inkella ghal xoghlijiet differenti, aktar limitati, u

ta’ natura regolari, intizi biex il-hajt ma jiddeterjorax u ma ssirlux hsara, kif timplika t-tifsira ordinarja tal-kelma *’manutenzjoni’*. Fl-ilsien ordinarju, il-kelmiet ’manutenzjoni’ u ’tiswija’ mhumiex sinonimi, m’ghandhomx l-istess tifsira, u ghalhekk necessarjament ma jistghux jinghataw l-istess interpretazzjoni legali.

18. F’dan il-kaz, huwa pruvat li sal-2004 kien ghad hemm hitan shah idawwru din l-art tal-esponenti, kemm fuq Triq il-Konti R. Barbaro, u anke fuq Triq Birkirkara, hlief ghall-fetha ghall-access ta’ Bonnici msemmija aktar ’il fuq. Mir-ritratti ezibiti f’Dok H, jidher ukoll li fil-kaz taz-zewg hitan, ix-xoghlijiet li dwarhom inhareg l-Avviz in kwistjoni saru fuq il-pedamenti li kien hemm, u b’zieda mal-partijiet tal-hitan originali li baqghu mhux imgarrfa.

Konsegwentement, it-Tribunal kellu jasal ghall-konkluzjoni li x-xoghlijiet in kwistjoni jikkwalifikaw bhala xoghlijiet ta’ *’tiswija ta’ hitan ezistenti’* li ma kinux jehtiegu permess ta’ zvilupp.

**Drittijiet Fundamentali**

17. Kif sostniet l-esponenti, it-Tribunal stess gharaf li f’dan il-kaz hemm kwistjoni cara ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali. Sfortuntament, minkejja l-mansjonijiet tieghu, it-Tribunal ghazel li dwar dan jaghmel biss rakkomandazzjoni lill-Istat b’mod generali li din il-kwistjoni tigi rimedjata minghajr dewmien billi jiddeciedi jekk din it-triq progettata fuq il-proprjeta’ tal-esponenti hijiex mehtiega fl-interess pubbliku, inkella ghandhiex tithassar definittivament. Dan minkejja li, f’dan il-kaz, it-Tribunal kellu prezentata quddiemu evidenza cara li din id-decizjoni l-Istat diga’ hadha, u diga’ ddikjara li ma ghadx hemm il-htiega fl-interess pubbliku li din it-triq issir, jew tibqa’ progettata.

18. Fuq dan il-punt, l-esponenti jidhrilha li din ir-rakkomandazzjoni, maghmula wara suggeriment mill-Awtorita’ appellata innifisha b’citazzjoni minn decizjoni

ohra tat-Tribunal fil-kaz **Carmen Catania vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, mhijiex rimedju effettiv bizzejjed ghall-esponenti. Din ir-rakkomandazzjoni tibqa' dikjarazzjoni fuq il-karta u ma hi bl-ebda mod enforzabbli. Il-President ta' Malta diga' ddikjara li l-interess pubbliku illum ma ghadux jehtieg li ssir din it-triq progettata, ghaliex ic-cittadini li tista' sservi diga' ghandhom toroq ohra minn fejn jaccedu ghall-proprjeajiet taghhom u ghal Triq Birkirkara. Kien minhabba f'dik id-decizjoni li l-ordni ta' esproprjazzjoni kontra l-esponenti giet revokata, u l-art in kwistjoni rilaxxata bil-pussess battal favur taghha. Minkejja li dan kollu gara aktar minn sitt snin ilu, effettivament l-esponenti ghadha s'issa mcahhda mill-jedd li ghandha li tgawdi, taghmel uzu, tizviluppa, u taghlaq l-access hieles ta' terzi ghal hwejjigha, semplicement ghaliex l-Awtorita' appellata ghadha qed tinsisti li t-triq li kien hemm progettata fuqha ghadha ma gietx imhassra.

Dan l-agir tal-Awtorita' appellata, fil-kwalita' taghha ta' fergha tal-Istat, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, senjatament id-dritt fundamentali ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' minghajr kumpens, kif protett **bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, u d-drittijiet fundamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti, u ghal rimedju effettiv, kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol, u **bl-artikolu 13, tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319)**. Fil-prattika, l-Istat f'nifs wiehed (President, Kummissarju tal-Art, Direttur Generali (Taqsima tax-Xoghlijiet) jghid li t-triq progettata mhix ser issir ghaliex m'ghadhiex mehtiega fl-interess pubbliku, u fl-istess hin (bil-mezz tal-Awtorita' appellata) jghid li t-triq ghadha progettata u allura jista' jikkontrolla l-uzu u t-tgawdija li l-esponenti taghmel minn din l-art. Dan minghajr ma l-ligijiet ordinarji jipprovdu mezz lill-esponenti kif tressaq din il-kwistjoni ghal decizjoni, bis-salvagwardji kollha tal-**artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, u tircievi rimedju effettiv, fil-prattika u fil-ligi, ghall-ilment taghha.

**Talba**

19. Ghal dawn il-motivi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi ga prodotti, u tirriserva li tipproduci dawk il-provi l-ohra kollha permessi mill-ligi, titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u/jew tannulla d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi, moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta' Novembru 2011, u minflok tirrimetti lura l-atti lill-istess Bord sabiex jigu trattati u decizi skont il-ligi, jew tghaddi biex tiddeciedi l-istess billi tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata u tilqa' t-talbiet tal-esponenti, u/jew taghti kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq skont il-ligi. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta' Frar 2012 a fol 9 tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja tal-*file* tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet "**Edwidge Testa vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 2012.

Rat r-risposta tal-appell tal-awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar datata 2 ta' Mejju 2012 a fol 12 tal-process fejn eccepiet: -

Illi preliminarjament l-appell interpost mill-appellanta huwa insostenibbli legalment peress li ai termini tal-**artikolu 41 (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta** appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar jista jsir biss fuq punti ta' Ligi decizi mit-Tribunal.

Illi preliminarjament ukoll u bla preguduzzju ghas-suespost l-appell odjern huwa irritu inkwantu gie indikat okkju zbaljat fis-sens illi minflok l-Awtorita esponenti giet imnizzla l-**<u>Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar</u>** giet imnizzla bhala **Malta Environment and Planning Authority**.

Illi preliminarjament ukoll bil-qima jinghad li hemm zball ukoll fir-rikors tal-appell odjern inkwantu l-appell qed isir fir-rigward tal-appell nru 731/11 *il che* m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz de quo. L-appell mertu ta' dan il-kaz igib in-numru 73/11 mhux 731/11. Billi ghalhekk hemm zball car dwar l-appell innifsu li tieghu qeda tintalab ir-revoka bl-appell odjern, dan ghandu jwassal ghan-nullita tal-appell odjern.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Novembru 2011 mertu ta' dan l-appell hija gusta w ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha u m'hemm ebda lok li tigi disturbata bl-ebda mod la fattwalment u lanqas legalment.

Illi fil-meritu l-aggravji kollha mressqa mill-appellanta huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* peress illi:

**L-ewwel aggravju – nuqqas ta' motivazzjoni**

Illi l-esponenti thoss li m'hemmx htiega ta' hafna dilungar fuq dan l-aggravju peress li huwa palesement infondat. Huwa ampjament car illi, kif jirrizulta mill-qari stess tas-sentenza mertu ta' dan l-appell, it-Tribunal, dahal fl-ezercizzju illi jezamina s-sottomissjonijiet imressqa miz-zewg partijiet u wasal ghad-decizjoni tieghu a bazi ta' konsiderazzjonijiet li jirriflettu car il-motivazzjonijiet illi fuqhom giet ibbazata is-sentenza moghtija minnu.

Illi l-Awtorita' esponenti taghmel ukoll referenza ghas-sottomissjonijiet minnha mressqa quddiem it-Tribunal li gew ikkonfermati mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu, u jikkostitwixxu ghalhekk, ragunijiet/motivazzjonijiet ulterjuri abbazi ta' liema t-Tribunal iddecieda illi jichad l-appel tal-appellanta.

Di piu huwa risaput illi huwa biss f'kaz li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ma tkunx cara u konsegwentement incerta fil-konkluzjonijiet taghha fejn allura l-Qorti tal-Appell ikollha l-gurisdizzjoni tirrevedi l-validita tal-istess.

**It-tieni aggravju – Interpretazzjoni tar-regolamenti**

Bil-qima jinghad illi huwa rispaut li l-interpretazzjoni tal-*policies* u regolamenti tal-ippjannar jispettaw lit-Tribunal. Hawnhekk issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il- Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** fejn dina l-Onorabbli Qorti, hekk kif preseduta, irriteniet illi "*il-Bord, fid-decizjoni appellata, llimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghal kaz partikolari.* ***Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skont il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni.***

Illi l-insenjamenti rapportati fil-kawza sucitata japplikaw pjenament ghall-kaz *de quo,* u dan stante illi kull ma ghamel il-Bord, kien illi illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-*policies* relevanti ghall-kaz. Apparti minn hekk issir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet fl-ismijiet **Charles Cassar vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** deciza fil-31 ta' Mejju 2002 (Appell Numru 65/98) fejn gie ritenut illi :-

*'Id-decizjoni tal-Bord (illum t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar) tinvolvi valutazzjoni tal-provi li ressqu l-partijiet quddiemu kif ukoll interpretazzjoni tal-imsemmija Policy tal-Awtorita' tal-Ippjanar stess li giet fuq indikata.*

*Dan l-aspett tad-decizjoni tal-Bord certament ma jinvolvi ebda punt ta' dritt, u invece huwa kwistjoni prettament ta' fatt ... B'applikazzjoni tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi (u cioe` l-****artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp)(illum l-artikolu 41)*** *li tillimita drastikament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, johrog car li din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha li tirrevedi ddecizjoni appellata tal-Bord.* ***Konsegwentement ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni li uza l-Bord ghad-diskrezzjoni taghha***

***biex tara jekk l-area in kwistjoni kenitx committed fis-sens li qal il-Bord.'***

Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda konstazzjoni ta' fatt ghax ma sarx tiswija ta' hitan izda bini ta' hajt li ghalaq triq il-Konti R Barbaro u dan kif jidher mir-ritratti esebiti. Infatti jinghad ukoll li hemm kawza ta' spoll pendenti dwar l-istess bini tal-hajt.

**It-tielet aggravju – Allegat ksur tad-drittijiet fondamentali**

Illi dwar l-allegazzjoni ta' allegat ksur tad-drittijiet fondamentali jigi sottomess li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi dwar tali allegazzjonijiet *stante* li hija kompetenti biss biex tiddeciedi appelli minn punti ta' ligi kontenuti f'decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appelli, u mhux dwar allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. In propositu ssir referenza ghall-insejnamenti fil-kawza **Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp [Appell Civili deciz 9\2\2001 Nru 215/98],** fejn f'dak il-kaz l-appellant kien sostna li "*meta dawk il-konsiderazzjonijiet iwasslu ghac-cahda tad-drittijiet fondamentali tieghu, allura jkun hemm involut punt ta' dritt, billi ma jkunx gew applikati korrettement id-dispozizzjonijiet tal-ligi rilevanti fil-kamp tas-salvagwardja ta' dawk il-precizi drittijiet.*

*Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax taccetta bhala validu dan l-argument ta' l-appellant. Li kieku din il-Qorti kellha takkolji dan l-argument, tkun indirettament qeda tittanta taghti s-setgha lill-Bord li jiddeciedi kwistjonijiet ta' drittijiet fondamentali, cioe' drittijiet ta' natura kostituzzjonali li huma bil-ligi riservati esklussivament ghall-gurisdizzjoni tal-Prim'Awla u tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*Meta fl-investigazzjoni ta' applikazzjoni ghal permess tal-izvilupp issir l-allegazzjoni li fl-inhawi diga jezisti zvilupp bhal dak li qed jintalab permess ghalih kemm l-awtorita` u kemm ukoll il-Bord ghandhom fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti d-dover jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta' investigazzjonijiet ta' drittijiet*

*fondamentali izda unikament fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet tal-ippjanar u cioe' biex jaraw jekk tenut kont tal-izvilupp atttwali fl-inhawi tas-sit in kwistjoni ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigi akkordat*".

Inoltre fil-kaz **Louis Muscat vs Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp deciza 23/6/03 (App 4/02RCP)** fejn l-aggravju kien ta' diskriminazzjoni din il-Qorti kif presjeduta qalet li dan imur oltre l-kompetenza taghha:

*"L-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni maghmula mill-appellant, certament bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma tista' tikkwalifika bhala li tikkoncerna "punt ta' ligi deciz mill-Bord" … … isegwi, ghalhekk li l-allegazzjoni dwar diskriminazzjoni msemmija ta' l-appellant ma tistax tigi ezaminata jew deciza f'dan l-appell."*

Illi ghalhekk huwa car li l-appell tal-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud *in toto*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti bil-qima titolb illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tichad *in toto* l-appell tar-rikorrenti bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Phyllis Aquilina ghall-appellanti prezenti, u Dr. Noel Bartolo ghall-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Dr. Aquilina talbet korrezzjoni fir-rikors tal-appell taghha, li fejn hemm appell numru 731/11 isir 73/11, u dan fir-rikors tal-appell u l-atti kollha relattivi. Dr. Bartolo rrinunzja ghall-eccezzjonijiet moghtija minnu fuq dan il-punt, u ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fin-numru fuq indikat u kif rikjest. Talbet ukoll korrezzjoni fis-sens li l-intimat jigi ndikat bhala "L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" minflok kif indikat bl-Ingliz u wkoll korrezzjoni sabiex wara "Il-Qorti tal-Appell" jizdied il-kliem "Sede Inferjuri". Dr. Bartolo ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr. Aquilina, mistoqsija mill-Qorti, iddikjarat li mhux se titlob referenza kostituzzjonali dwar l-allegazzjoni tal-ksur

tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appell giet differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo ghad-29 ta’ Novembru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

L-aggravji tal-appellanti huma fis-sens (a) li d-decizjoni tat-Tribunal ma kenitx motivata skont il-ligi; (b) ta’ interpretazzjoni zbaljata tar-regolament 3 u paragrafu (1) (iv) tat-Tieni Klassi tal-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 115/2007.

Din il-Qorti rat id-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar li bazikament kull ma tghid huwa biss li la darba il-hitan li nbnew ma humiex xoghol ta’ manutenzjoni, mela allura kien hemm bzonn li jinhareg permess ghall-istess xoghol, u la darba dan ma sarx mela allura skont l-**artikolu 86 (12) tal-Kap. 504,** qabel l-**artikolu 51 *et sequitur* tal-Kap. 356,** mela allura l-appell ghandu jigi michud.

Izda din il-Qorti tirrileva li dan ma kienx il-punt li sar appell dwaru quddiem l-istess Tribunal kif jirrizulta bl-iktar mod car fl-appell prezentat quddiem l-istess Tribunal mill-appellanti odjerna tant li *inter alia* fl-istess appell inghad li ma kienx hemm bzonn ta’ permess skont ir-**regolament 3 u paragrafu (1) (iv) tat-Tieni Klassi tal-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 115/2007** li jipprovdi li ma hemmx bzonn permess meta hija kwistjoni ta’ tiswija ta’ hajt u dan ma jinvolvix bdil fl-gholi jew karattru tal-hajt ezistenti, u wkoll dan fid-dawl ta’ dak li jipprovdi paragrafu 1 (ii) tat-Tieni Klassi tal-Ewwel Sekda tal-istess Avviz Legali li jipprovdi ghall:-

*“Hitan mibnija madwar art mhux zviluppata li taghti ghal fuq it-triq, li tinsab ghal kollox kif konfini taz-zoni ta’ zvilupp skont pjan regolatur jew pjan lokali, u li ma tkunx ODZ....”*

Dan il-punt lanqas biss issemma mit-Tribunal u dan iffisser li l-istess Tribunal lanqas biss ikkonsidra dak sottomess quddiemu u dan irendi l-istess decizjoni tat-Tribunal bhala wahda mhux motivata u lanqas skont il-ligi u jrendi l-istess decizjoni nulla u bla effett *ai fini* u effetti kollha tal-ligi.

Illi hija ghalhekk huwa relevanti dak li nghad fid-decizjoni **Michael Attard nomine vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2011) fis-sens li meta t-Tribunal lanqas *jaditi aditu* ghal dak sottomess mill-partijiet anzi jinjora l-istess ghal kollox, ma hemm l-ebda dubju li dan juri bl-iktar mod car li t-Trubunal b'hekk lanqas biss minimament ma kkonsidra l-aggravji tal-appellanti fil-mertu, u certament dan jammonta ghan-nuqqas serju *da parte* tat-Tribunal (f'dak il-kaz il-Bord) ghaliex huwa obbligu tat-Tribunal, u kull gudikant, li jikkonsidra l-punti sollevati quddiemu, u jiddecidihom, billi jiddelibera dwar l-istess b'motivazzjoni adegwata.

Din id-decizjoni tippekkja minn kull aspett fuq dan il-punt, ghaliex jidher car li tali aggravju flimkien ma aggravji ohra gew ghal kollox injorati, u dak li hemm fl-istess decizjoni tat-Tribunal bl-ebda mod ma jfisser jew jindika li huwa ha in konsiderazzjoni l-istess aggravji. Anzi jidher li t-Tribunal mhux talli ma trattax l-istess, izda njorahom ghal kollox, u certament li dan ma huwiex il-mod kif jinghataw id-decizjonijiet minn kull organu, nkluz it-Tribunal citat, u dan iktar u iktar meta hemm diversi sentenzi mill-Qrati nostrali li konsistentement irritenew li kull gudikant, inkluz it-Tribunal jew Bord ghandu jaghti konsiderazzjoni ghas-sottomissjonijiet maghmula quddiemu, jezaminahom attivament fid-decizjoni taghhom, jittrattaw debitament, u jiddeciedu dwarhom, u jekk dan ma jsirx dan jannulla l-istess decizjoni, u dan ghaliex ma jistax jinghad li f'kazi simili jkun hemm smigh xieraq.

Dawn il-principji ilhom li gew stabbiliti minn dawn il-Qrati, u dejjem gew kostantament ripetuti f'kull strata ta' decizjonijiet u din il-Qorti qed allura tikkonferma l-istess, u tesprimi d-disappunt taghha, li minkejja li tali principji

huma bazilari, biex il-gustizzja mhux biss issir, izda tidher li qed issir, jibqghu jigu njorarati minn Bordijiet, inkluz dak li minnu sar l-appell odjern. Il-lista ta' decizjonijiet li taw u kkonfermaw dan il-punt hija lista twila u hawn issir riferenza biss ghal uhud minnhom fosthom dik moghtija minn din il-Qorti bhal dawk fl-ismijiet **"Marie Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp"** (Appell Numru 37/01 - 24 ta' Frar 2003); **"Alexander Busuttil vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) - 11 ta' Novembru, 2002); **"Manwel Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002); **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002 - Appell Numru 8/2001); **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002 – Appell Numru 9/2001); **"Max Zerafa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 12 ta' Jannar 2004); **"Anthony Borg vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. - 24 ta' April 1996); **"Anna D'Amato vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) - 28 ta' Gunju 2006); **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) - 28 ta' Frar 2008 u nkluz id-decizjoni citata mis-socjeta' appellanti fl-ismijiet **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) fejn inghad minghajr mezzi termini li:-

*"Allura biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Naturalment il-Qorti tifhem li l-Bord huwa, bhal din il-Qorti, mghobbi b'numru kbir ta' kawzi li wiehed ikun irid jaqtaghhom fi zmien ragonevoli. Pero', il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabbilta` tal-gudizzju ma jistax jiehu 'short cut' fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibbilta', b'gudikati li ma*

*jkunux motivati sewwa u b’hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja”.*

Illi dawn ma humiex konsiderazzjonijiet li wiehed jista’ b’xi mod jinjora kif sfortunatament it-Tribunal ghamel f’dan il-kaz ghaliex dawn jifformaw il-bazi ta’ decizjoni motivata fuq x’hiex huwa mibni l-kuncett ta’ smigh xieraq, u kull organu gudizzjarju, *quasi* gudizzjarju, jew amministrattiv li jinjorah, ikun qed huwa stess johloq ingustizzja bejn il-partijiet, u dan ghaliex tkun qed mhux biss tigi njorata s-sottomissjoni taghhom, izda wkoll ma jkunx qed jinghata sodisfazzjon lilhom ghall-ilment li ghandhom, li anke jekk ma jigix milqugh, huma ghandhom ikunu jafu ghaliex ma giex milqugh, b’mod li meta jigri hekk, ikun hemm mhux biss nuqqas ta’ gustizzja effettiva, fid-dehra u attwali, izda hela kbira ta’ hin, ghaliex tali decizjoni tigi annullata mill-Qorti, u terga’ tigi rimandata lill-Ewwel Qorti jew Tribunal, u b’hekk ikun hemm dewmien fl-ghoti tad-decizjoni finali, liema dewmien huwa fih innifsu, ksur tal-principju tas-smigh xieraq u tal-principji tal-gustizzja.

Li mbaghad Tribunali jew Bordijiet jibqghu jippersistu f’dan l-agir irendi l-istess problema wahda hafna u hafna iktar serja – dejjem ghad-dannu ta’ min ikun qed ifittex gustizzja. Din il-Qorti qed tghid dan peress li dan ma huwiex kaz izolat, izda wiehed minn diversi li kellha quddiemha, u l-Qorti thoss li dawn il-principji ma jistghux jibqghu jigu injorati minn Bordijiet u Tribunali, li nghatalhom il-poter li jiggudikaw, ghaliex gudizzju tajjeb ghandu jkun wiehed li dejjem jinkludi motivazzjoni adegwata, li tikkonsidra bis-serjeta’ u bi professjonalita’ dak kollu sottomess quddiemu, u dan sempliciment sabiex taghmel gustizzja bejn il-partijiet, u b’hekk biss jista’ jinghad li l-gustizzja mhux biss issir, izda tidher li qed issir.

Dan huwa bazikament dak li nghad fl-istess decizjoni ta’ issa sena ilu citata mill-appellanti u jidher li t-Tribunal odjern ghal darba ohra injora l-istess dettami u dan qed iwassal ghar-revoka ta’ decizjoni tieghu ghaliex hemm ksur tar-regoli bazilari ta’ smigh xieraq, inkluz dak ta’ *audi alteram partem* u li decizjoni tkun motivata.

Dan huwa bizzejjed sabiex kif inghad tigi annullata d-decizjoni tat-Tribunal. Izda jinghad li dwar it-tieni aggravju li effettivament mhux kien hemm interpretazzjoni hazina tar-regolamenti imsemmija, izda kif gja inghad lanqas biss gew ikkonsidrati. F'dan l-istadju u ghal issa din il-Qorti ser tieqaf hawn u tirrimanda l-kaz lura lit-Tribunal sabiex abbazi ta' din is-sentenza l-kaz jigi deciz skont il-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 2 ta' Mejju 2012 fejn l-istess hija nkonsistenti ma' dak dawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Edwidge Testa fir-rikors tal-appell taghha datat 19 ta' Dicembru 2011** u dan fis-sens hawn deciz u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **"Edwidge Testa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (Appell Numru 73/11 CF – ECF 41/11** tad-29 ta' Novembru 2011 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar debitament kompost skont il-Ligi, sabiex fid-dawl ta' dak u skont dak deciz f'din is-sentenza u in konformita' mal-istess jiddisponi mill-kaz skont il-Ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------